# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DIGRIET

**Ka\ Numru 2946 /JHP**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Ruth Vella**

**u**

**Margaret Borg**

*Dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*

1. **Dahla**

   Nhar il-Erbgha 30 ta' Ottubru 2013, waqt il-kontro ezami li kien qieghed isir mill avukat ta l-intimata Dr Ian Spiteri Bailey-staqsa lir-rikorrenti Ruth Vella dwar jekk bejn l-eta ta' 21 sena u 31 sena kienetx tirraporta ghax-xoghol x'imkien. Ir-rikorrent ma irrispondietx ghaliex id-difensur taghha opponiet ghal din id-domanda.

2. **Verbali tal-partijiet**

   2.1 Filwaqt li Dr Ian Spiteri Bailey talab lit-Tribunal jidderrigi lix-xhud dwar jekk ghandix tirrispondi ghal din id-domanda o meno wara liema qed jirriserva ezami ulterjuri.

   2.2 Dr. Joanne Vella Cuschieri ghamlet riferenza ghal rikors tar-rikorrenti fejn fih huma indikati id-dati tal-impieg li jibdew miz-17 ta' Mejju 2010 u ghalhekk tirreleva li d-domandi relatati ma perjodu precedent ghal din id-data m'humiex relevanti ghal dan il-kaz.

   2.3 Dr Ian Spiteri Bailey ghal-intimata jitlob lis-sedja taghti digriet issa dwar l-ammisibilita o meno tad-domanda imsemmija fix-xhieda qabel max-xhud tinzel min fuq il-pedana.tax-xhieda.

   2.4 Dr Joanne Vella Cuschieri ghar-rikkorenti irrelevat illi hija id-decizjoni tat-tribunal jekk jaghtix digriet f'seduta stante jew in camera u tirrimetti ruha ghad-decizjoni tat-tribunal.

3. **Decizjonji**

It-Tribunal Industrijali:

Fid-dawl tal-mod ta  kif giet imposta il-mistoqsija minn Dr Ian Spiteri Bailey lir- rikorrenti ma turix rilevanza ghar-relazzjoni ta' impieg li hija kellha ma l-intimata.
It-tribunal jasal ghad-decizzjoni ahharija tieghu fuq dawk il-provi sostanzjati  b' xhiedha u/jew dokumenti li fil-fehma tat-Tribunal ikunu rilevanti fir-relazzjoni ta' xoghol fil-kaz ta bejn ir-rikorrenti Ruth Vella u l-intimata Margaret Borg.

Ghalhekk it-tribunal jiddeciedi li id-domanda ma ghandiex tigi imwiegba.

James Pearsall
Chairman

04.12.2013